MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 2924/2002

**Standard Publications Limited**

**vs**

**Electelle House Limited u Lorna Micallef ezercenti l-kummerc bl-isem Body Studio**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Dicembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm253.00) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuti, jew min minnhom, bhala prezz ta' servizzi rezi lilhom mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 2002,u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Lisa Lombardi, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma ta’ mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm253.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Ottubru 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------